MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2004

Numru 134/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Mario Bonello)
**vs**
**Raymond Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Raymond Vella ta' 43 sena bin Salvatore u Carmela nee' Gatt imwieled Senglea fis-17 t'April 1958 u joqghod 'Saratoga', Triq Dom Mauro Inguanez, B'Kara li ghandu karta ta' l-identita bin-numru 335558 (M).

Talli:-
Fit-08 ta' Awwissu 2001 ghall-habta tas-07.15 ta' fil-ghaxija gewwa B'Kara hebb ghal-ommu Carmela Vella ta' 77 sena u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Nicholas J. Vassallo M.D., mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u

cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied jew b’xi mod iehor.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi ttrattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l-akkuzat u l-omm illum irrikonciljaw ruhhom u l-omm ma xehedietx u ma xehed hadd.

Billi l-akkuza ma tirrizultax tillibera lill-akkuzat minn kull htija u kastig.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------